MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2003

Numru 657/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Martin Sammut)**
**vs**
**Nicholas Saliba**

**Illum 08 t' Awissu, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Nicholas Saliba ta' 20 sena, iben Alfred u Anna *nee'* Farrugia, mwieled Pieta', fil-25 ta' Novembru, 1982, u residenti 9, Sqaq ix-Xatt, Nru 3, Pieta', detentur tal-karta ta' l-identita' numru 646182(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 t' Awissu, 2003, f'xi hin bejn id-disgha (9.00a.m.) u l-hdax ta' filghodu (11.00hrs), minn gewwa l-istabbiliment Subway ta' Triq San Gorg, San Giljan, ikkometta serq ta' mobile telephone tal-marka

‘Sharp’ li jiswa aktar minn Lm100 u anqas minn Lm100, liema serq huwa aggravat bil-valur, u l-persuna, ghad-dannu ta’ Cecil Anthony McCarthy, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 261, 267, 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) Kap 9, sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bi procedura sommarja u n-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati.

Rat l-artikoli 261, 267, 368 Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Ghalhekk tilliberrah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------